# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' MARZU 2001

Avviz Nru 2753/97DM

Mirage Holdings Limited

vs

Joseph u Catherine konjugi Cardona
u b'digriet tas-16 ta' Dicembru 1998
Silvio u Carmen konjugi Cassar gew
kjamati in kawza

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghal-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma komplessiva ta' sitt mija u sittin lira (LM660), in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u disghajn lira Maltin (Lm390) import ta' tletax (13) il-kambjala anessi mal-avviz u mmarkati bhala dokumenti 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12 u 13 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet, in kwantu ghas-somma ta' mitejn u tlettin lira (Lm230) prezz ta' merkanzija lill-konvenuti mibjughha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta' erbghin lira (Lm40) bhala imghaxijiet legali mill-konvenuti dovuti fuq dawn l-istess ammonti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-prezentat tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew:-

1 Illi t-talbiet attrici fil-konfront taghhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante illi huma mhux debituri tas-socjeta attrici kif allegat fl-avviz fl-ismijiet premessi

2 Illi d-debitu huwa dovut minn certu Silvio u Carmen konjugi Cassar peress illi dawn tal-ahhar kienu assumew id-debitu imsemmi u dan b'accettazzjoni tas-socjeta attrici li sahansitra thallset akkont mill-istess konjugi Cassar, u b'effett mill-1994 bdiet tohrog statement lill-istess konjugi Cassar minflok lill-konvenuti

3 Illi ghaldaqstant il-konvenuti jitolbu bir-rispett illi jigu kjamati fil-kawza l-istess Silvio u Carmen konjugi Cassar sabiex jwiegbu ghat-talbiet attrici;

4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-kjamati in kawza tal-20 ta' Lulju 1999 permezz ta liema taw ruhhom b'notifikati bl-avviz.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-kjamati in kawza pprezentata fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 1999

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza; u

Ikkunsidrat:-

Illi bl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti mhux qed jikkontestaw il-*quantum* tal-kreditu tal-atturi naxxenti mill-kambjali esibiti, mill-bejgh indikat fl-avviz u mill-imghax skadut, izda qed issostnu li huma kienu issostitwew ghalihom debituri godda, il-kjamati fil-kawza konjugi Cassar, li kienu gew accettati mill-atturi u li huma, il-konvenuti, kienu gew mehlusa mill-atturi mid-dejn.

Ghalhekk il-konvenuti qed isosstnu li sehhet novazzjoni a tenur tal-Artikolu 1179 (b) tal-Kap. 16 li jipprovdi hekk:
**"** *Hemm novazzjoni –*
*(a) meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, illi jispicca;*
*(b) meta debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur;*
*(c) meta, bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida, kreditur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, li lejh id-debitur jigi mehlus*."

A termini tal-Artikolu 1180 (2) din in-novazzjoni ma tistghax tkun prezunta izda "*l-intenzjoni li ssir ghanda tirrizulta bic-car".*

Billi l-atturi jinnegaw kategorikament li huma accettaw xi forma ta novazzjoni u jsosstnu li, ghalkemm kienu jafu b'xi arrangament bejn il-konvenuti u l-kjamati fil-kawza, huma qatt ma hellsu lill-konvenuti mid-dejn, ghalhekk jispetta lill-konvenuti li jippruvaw li l-atturi mhux biss kienu jafu li xi persuna ohra kienet ser thallas id-dejn minflokhom izda kienu ukoll lesti li jehilsu lill-konvenuti mid-dejn.

Biex jaslu ghal din il-prova il-konvenuti ppresentaw diversi dokumenti indikattivi biss li l-atturi kienu infurmati li l-kjamati fil-kawza kienu lesti li jhallsu id-dejn u pproducew bhala xhieda lill-istess Silvio Cassar u Charles Scerri.

Ix-xhud imsemmi Charles Scerri ddikjara li lanqas ma nnotifika lill-atturi bil-ftehim Dok CS1 izda illimita ruhhu biex ghan-nom tal-konvenuti jibghat ittra fejn indika li l-kjamat fil-kawza kien accetta li jhallas lill-atturi minn flok il-konvenuti.

Dan wahdu ma hux bizzejjed biex tigi stabbilita l-intenzjoni ghan-novazzjoni da parti tal-atturi.

Infatti l-Artikolu **1181.** jipprovdi fis-subincizi(1) u (2) illi "*Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla; u It-tismija wahidha, maghmula mid-debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku, ma ggibx novazzjoni.*"

Inoltre l-istess Silvio Cassar stqarr li, anke wara l-ftehim mal-konvenuti, kien ghamel pagamenti lill-istess konvenuti ghaliex, fi kliemu, *jiena assumejt illi, minghandi, l-kumpanija attrici setghet ma tridx flus.*

Ghalhekk tiddikjara illi ma sehhet ebda novazzjoni u li l-konvenuti qatt ma kienu mehlusa mid-dejn u, billi l-atturi ppruvaw il-kreditu taghhom, qedgha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti u lill-kjamati fil-kawza (li minn naha taghhom ammettew ukoll id-dejn) sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi is-somma komplessiva mitluba ta LM660 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghax ulterjuri b'effett mill-1 ta Jannar 1998.

2753/97DM

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti u l-kjamati fil-kawza *in solidum* bejniethom.

…...............................................
Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 22